**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru : 514/14 AL

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat mir-rikorrenti AB, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-25 ta' Mejju 2009, f'Karthoum bir-rit Islamiku ;
2. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin isseparati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom ;
3. Illi ghalhekk ai termini tal-Att. XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn zewga l-intimat ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Mejju 2009;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Rat illi l-partijiet ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni kif tirrizulta mid-dokument FC 1 esebit fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment ghal aktar minn erba' snin separati de facto minn ma xulxin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemmx prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur